**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Abraham Scicluna ta' 17-il sena bin Alfred u Adelina nee Fenech li joqghod 1, Triq il-Hamri, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 27184 (G)**

Illum 9 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar id-19 ta' Settembru 2001 ghall-habta ta' l-4:30p.m.fi l-Mgarr, Xewkija, Ghawdex, saq il-mutur Nru FAL 045 ta' ghamla Yamaha (1) minghajr il-licenzja tas-sewqan mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex isuq l-istess vettura, (2) aktar talli saq l-istess mutur meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni rigward ir-riskji ta' terzi persuni, (3) aktar talli naqas li jieqaf meta hekk gie ordna mill-Pulizija (4) akter tali qasam il-linja l-bajda u kontinwa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita mill-istess Qorti jigi sospiz mill-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65, 3 tal-Kap 104 u 338 (ee) tal-Kap 9 u Regolament 88 ta' l-Avviz Legali 128/1994;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) komplessiva bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9;

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahrejn minn meta jaghlaq it-tmintax-il (18) sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur